20 ta' Mejju, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Giuseppe Deguara *versus* Giuseppe Cachia et.

## Mara — Obligazzjoni — Bejgħ — Nullità — Bwona Fede — Art. 9 (1), 1008 (3), 1014, 1015, u 12 tal-Kodiċi Ċivili.

*Il-mara ma tistax tittrasferixxi, tobliga ruħha, jew tikkuntratta taħt ebda titolu, sew oneruż kemm gratuwitu, mingħajr il-kunsens tar-raġel u qaddiemu, jew mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, jekk ir-raġel ikun taħt l-età, jew assenti, jew miġnun, jew interdett, inkella mingħajr raġuni tajba ma jkunx irid jagħti l-kunsens tiegħu. Barra minn dan, il-mara miżżewġa mhix kapaċi tikkuntratta fil-każijiet imsemmijin fil-liġi, mingħajr il-kunsens u d-dehra ta' żewġha fl-att, eċċettwati l-konvenzjonijiet li hija tagħmel għall-bżonnijiet tad-dar soliti u ta' kulljum, u t-tiġbid ta' flus minn bank fejn hija tkun qegħedithom għal isimha kemm il-darba ma jiġix mogħti lill-bank avviż kuntrarja b'ittra uffiċjali.*

*F'dawn il-każijiet, salv meta l-kunsens tar-raġel hu preżunt, jew ikun ġie mogħti lilha b'awtorizzazzjoni bil-miktub, il-kuntrattazzjoni tal-mara hija nulla; u r-raġel jista' jopponi dina n-nullità avvolja l-kontraent l-ieħor kien in bwona fede meta kkuntratta mal-mara; mingħajr ma hu ta' ostakolu għal din in-nullità il-fatt li bi żball il-mara tkun ritenuta minn kulħadd bħala armla, kif lanqas dak li l-mara tkun ipprattikat maġġiri u manuvri doluzi tali li jġegħlu lil wieħed jaħseb u jirritjeni inutili kull indaġini fuq il-kapaċità tagħha.*

*Għaldaqstant, fil-każ li l-mara tagħmel bejgħ mingħajr il-kunsens tar-raġel, dan jista' jaġixxi kontra x-xerrej għar-restituzzjoni tal-oġġetti li dan ikun xtara minn għand dik il-mara.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenuta Mary Deguara martu biegħet lill-konvenut Cachia, mingħajr awtorizzazzjoni u kunsens tiegħu (żewġha), diversi effetti mobili, riżultanti minn nota unita bħala dok. "A" mal-istess att taċ-ċitazzjoni, bil-prezz komplessiv ta' £40; illi l-konvenut Cachia, meta xtara dawn il-mobbli, kien in mala fede, għaliex kien jaf li l-konvenuta kienet mara miżżewġa u li l-istess mobbli kienu jiswew almenu tliet darbiet il-prezz li huwa ħallas; u illi għalhekk dan il-bejgħ kien null; talab (1) li jiġi dikjarat riżolut, għax null u bla effett legali, il-bejgħ ta' l-effetti mobili fuq riferiti; (2) li l-konvenut Cachia jkun kundannat jirrestitwilu, fi żmien qasir u perentorju, l-effetti mobili kollha fuq indikati; (3) u fin-nuqqas ikun kundannat iħallsu l-valur tagħhom skond stima. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-mandat tal-qbid tal-20 ta' April, 1954;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi skond l-art. 9(1) tal-Kodiċi Ċivili, il-mara ma tistax tittrasferixxi, tobliga ruħha, jew takkwista taħt ebda titolu, sew oneruż kemm gratuwitu, mingħajr il-kunsens tar-raġel u quddiemu, jew mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti jekk ir-raġel ikun taħt l-età jew assenti, miġnun jew interdett, inkella mingħajr raġuni tajba ma jkunx irid jagħti l-kunsens tiegħu. Skond l-art. 1008(3) ta' l-istess Kodiċi, konformi għall-art. 1106 tal-kodiċi Ċivili Taljan, in-nisa miżżewġa huma inkapaċi li jikkuntrattaw fil-każijiet im-

semmijin fil-liġi; u skond l-art. 1014 ta' l-istess Kodiċi Ċivili tagħna, kull konvenzjoni magħmula minn mara (miżżewġa) mingħajr il-kunsens u d-dehra ta' żewġha fl-att, jew mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti, hija nulla, eċċettwati, skond l-artikolu susegwenti, il-konvenzjonijiet li l-mara tagħmel għall-bżonnijiet tad-dar soliti u ta' kuljum, u t-tiġbid ta' flus minn bank fejn tkun qegħedithom għal isimha, kemm il-darba ma jiġix mogħti lill-bank avviż kuntrarju b'ittra uffiċjali; għaliex għall-imsemmijin konvenzjonijiet u għal dak it-tiġbid ta' flus, in assenza, f'dan it-tieni każ, ta' l-imsemmija ittra uffiċjali, il-kunsens tar-raġel jitqies mogħti, huwa preżunt;

Illi, meta l-obligazzjoni kontratta mill-mara ma tidħolx fl-ordni u fis-serje ta' l-atti preventivament awtorizzati mir-raġel bil-miktub, jew b'setgħa ġenerali li jista' bil-miktub jagħtiha (art. 9(2) u 11(1) tal-Kodiċi ċitat), u meta l-kunsens tiegħu mhux mill-liġi preżunt fil-każijiet fuq rikordati, ir-raġel jista' jopponi n-nullità skond l-art. 12 ta' l-istess Kodiċi ċitat;

Illi l-bwona fede tal-kontraenti l-ieħor mhix ta' ostakolu għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni tan-nullità, lanqas meta bi żball il-mara tkun ritenuta minn kulħadd bħala armla, lanqas meta jiġi pruvat li ppratikat raġġiri u manuvri dolużi tali li jġegħelu lill-wieħed jirritjeni inutili kull indaġini fuq il-kapaċità tagħha. Dawna r-raġġiri u manuvri dolużi jistgħu jirrenduha responsabbli għad-danni, imma ma jostawx għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni (Cass. Tor. 5 luglio, 1904, Seziani c. Perelli, Giur. Tor. 1904, 1215; Cass. Tor. 16 dic. 1901, Zappi c. Carboneschi, M. 1902, 221, Giur. Tor. 1902, 231; Fadda Vol. V, paġ. 57, nri. 58 u 64, Carpani-Contini; Giur. Ital. 1869, 2, 52, Cohen, Vol. III, paġ. 272, numeri 69, 70, 71);

Għall-motivi premessi;

Tiddeċidi skond it-talbiet ta' l-attur, u tistabbilixxi fi tliet ġimgħat, dekorribbli mil-lum, iż-żmien li fih il-konvenut għandu jirrestitwixxi l-oġġetti mobili fuq riferiti, imsemmijin fin-nota fil-fol. 5 tal-proċess taħt l-ittra "A" u "B" u l-faenza biss imsemmija fin-numru 5; liema parti biss ta' l-imsemmija nota għandha tifforma parti integrali minn din

is-*sentenza*; għaliex dawn biss huma l-effetti li ġew pruvati soddisfaċentement formanti l-oġġett tal-vendita; u fin-nuqqas ta' restituzzjoni ta' l-istess oġġetti fiż-żmien fuq indikat, il-valur ta' l-istess oġġetti mhux restitwiti jiġi stabbilit f'ġudizzju separat; u tordna illi l-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut. Salva favur tiegħu kull azzjoni, "si et quatenus", kontra minn skond il-liġi.